# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 12 ta' Novembru 2001**

**Avviz. numru 758/98**

**Numru 24**

**Angelo Camilleri**

**vs**

**Paul u Pauline konjugi Zammit bhala l-genituri ghan-nom u fl-interess ta' binthom minuri Katia Zammit u l-istess Katia Zammit li assumiet l-atti fl-10 ta' Ottubru 2000.**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u tnejn u tmenin lira Maltin u hames centezmi (Lm482.05) rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-incident li sehh fl-10 ta' Lulju 1997 fi Blue Grotto Avenue, Zurrieq bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAE-895

misjuqa mill-attur u bint l-konvenuti minuri Katia Zammit illi qasmet it-triq bi traskuragni u negligenza, ghal liema incident hija unikament responsabbli l-istess minuri Katia Zammit, bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra ufficjali datata 24 ta' Lulju 1997 u s-somma ta' tletin lira Maltin (Lm30) rapprezentanti spejjez extra-gudizzjarji kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti nomine et li biha eccepew (a fol 6 tal-atti):

1. Illi t-talbiet attrici kollha ghandhom jigu michuda stante li ghall-incident de quo kien jahti biss l-istess attur li stante nuqqas ta '"proper lookout" laqghat lil binthom minuri u ikkawzalha griehi ta' natura gravi u duraturi. Isegwi li ma hemm l-ebda danni li ghandhom jigu likwidati u mhallsa.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Ottubru 2000 (fol 34 tal-istess atti) minn fejn jirrisulta li Katia Zammit assumiet l-atti f'isimha stess ghar-raguni hemm premessa.

Rat in-noti rispettivi tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi l-attur xehed (ara fol 12 et seq ibid) li hu kien qed jsuq f'Blue Grotto Avenue fiz-Zurrieq b'velocita ta' madwar 35/40 kilometri fis-siegha. Wara li kien oltre passa "zebra crossing" u kien qed javvicina "roundabout" hu u l-passiggier li kien mieghu, Joseph Fenech bdew jghidu "din x'ser taghmel, din x'ser taghmel" in vista li kien ra lill-konvenuta, fiz-zmien in kwistjoni taht l-eta' "tigri fin-nofs" ossija "... taqsam f'nofs it-triq fuq in-naha tal-lemin tieghu. Minhabba hekk, fi kliemu stess "tfajt mal-hajt" fuq in-naha tax-xellug tieghu u kif waqaf, l-istess minorenni, li kompliet taqsam it-triq dahlet fuq il-genb tieghu. Bhala konsegwenza, l-istess konvenuta kisritlu l-"windscreen" fuq in-naha tal-lemin oltre li laqtet il-"mudguard", l-"indicator" u l-"bumper" fuq l-istess naha (ara r-ritratti formanti parti mill-anness Dok AC1 a fol 17 tal-atti). Inoltre l-attur sostna, ukoll, li missier l-istess minuri Paul Zammit, kien accetta li jhallas id-danni involuti u konsegwenzjali, f'isem bintu minuri (ara f'dan ir-rigward ix-xhieda tal-istess missier, <u>Paul Zammit</u> a fol 39 tal-atti).

Illi l-imsemmi <u>Joseph Fenech</u> (Fol 18 et seq tal-istess atti) ikkonferma fis-sustanza dak li xehed l-attur u sostna li wara li l-istess attur ipprova

jevita' lill-konvenuta, din "meta waqafna ... baqghet diehla bil-girja fuq il-genb tal-karozza taghna".

Ikkunsidrat

Illi mill-iskizz tal-incident sottomess minn PS 404 Stephen Micallef (fol 26 et seq ibid) wiehed jista' jara l-karozza tal-attur numru IAE 895 wieqfa kwazi mal-hajt u b'marki tal-"brakes" immedjatament warajha, u twal 10.7 metri. Inoltre mir-rapport sottomess mill-istess xhud (fol 30 ibid) jidher li l-konvenuta kienet stqarret li "... kienet miexja fuq il-bankina, beda' jigri warajha kelb tant li hi bezghet u qassmet it-triq....".

Ikkunsidrat

Illi, difatti, l-konvenuta meta xehdet (fol 35 et seq ibid) qalet li, fil-lejl in kwistjoni ghall-habta tad-9.30p.m., hi kienet ser taqsam it-triq in kwistjoni meta gie kelb jigri warajha. Hawnhekk, pero, hi qalet, ukoll testwalment "Jiena, ghalhekk, harist lejn iz-zewg nahat tat-triq, rajt karozza gejja u hallejtha tghaddi, Ergajt harist, ma rajt lil hadd u qsamt. Ma nafx x'sar minnu l-kelb" u "Kif kont ser naqsam, il-kelb kien miexi hdejja u jiena kont qed nibza minnu". Inoltre hi xehdet ukoll li t-triq in kwistjoni hi twila hafna u hemm vizwali tajba ukoll u dwar dan

ikkommentat "Ma nistax nispjega ghala, avolja harist, ma rajtx lill-attur gej bil-karozza tieghu".

Ikkunsidrat

Illi, jidher evidenti li l-verzjoni tal-fatti moghtija mill-konvenuta hi altament inkonsistenti u inverosimili. Difatti, hi ma tistax titwemmen meta qalet li kienet qed tibza minhabba kelb li kien qed jigri warajha waqt li qalet ukoll li kellha l-hin kollu sabiex thares lejn iz-zewg nahat tat-triq, tistenna sakemm ghaddiet karozza terga' thares u imbaghad taqsam it-triq jew bil-girja jew bil-pass.

Illi dan premess, jidher li dan l-incident gie kawzat minhabba li l-istess konvenuta ma uzatx id-debita kawtela qabel ma qasmet l-istess triq billi tesplora sew l-istess triq sabiex tara li tkun tista' taqsam minghajr xi konsegwenzi gravi ghaliha u ghal terzi persuni (nuqqas ta' "a proper lookout".

Ikkunsidrat

Illi l-ammont ta' danni pretiz ma jidhirx li gie effettivament kontestat.

Ghal dawn il-motivi, tilqa t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara lill-konvenuta bhala unikament responsabbli ghal dan l-incident minhabba negligenza u traskuragni da parti tal-istess konvenuta;

2. tillikwida l-ammont ta’ danni fis-somma ta’ Lm482.05,0;

3. tikkundanna lill-istess konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta’ Lm482.05,0 bl-imghax legali mill-24 ta’ Lulju 1997 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta’ Lulju 1997 oltre Lm30 rappresentanti spejjes extra-gudizzjarji.

Alan Calleja
Deputat Registratur